**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 23/24 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 1199/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet fl-ismijiet hawn fuq premessi żżewġu nhar id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disghin (1994) - ċertifikat taż-żwieġ anness u markat Dok 'A'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, F li twieled fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (05/05/1998) u G li twieldet fit-tlieta u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (23/08/1999), li illum huma t- tnejn adulti.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat l-erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (14/01/2015) in atti tan-Nutar Dottor Maria Bonavia - kopja annessa u markata Dok 'B'.

4. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi l-esponent jikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

6. Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-hall taż-żwieġ u ghad- divorzju tal-partijiet.

7. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment hekk kif jikkonferma fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C'.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara ż-żwieġ tiegħu u ta' C D E bħala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi,

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tikkonferma:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi hi u r-rikorrenti zzewgu fid-9 ta' Lulju 1994 u li kellhom zewg ulied, izda E imwieled fl-10 ta' Mejju 1998 u mhux kif erronjament nizzel ir- rikorrenti fir-rikors promottur tieghu li binhom twieled fil-5 ta' Mejju 1998. Fil-waqt li binthom F twieldet fit-23 ta' Awwissu 1999. Hemm qbil li z-zewg ulied illum huma maggorenni;

2. Illi huwa minnu li l-esponenti u r-rikorrenti ilhom separati legalment sa mill-14 ta Jannar 2015 u dan permezz tal-kuntratt ta'separazzjoni fl-atti tan-Nutar Maria Bonavia.

3. Illi l-esponenti tista tikkonferma li wara dawn is-snin kollha ta'separazzjoni ma hemm ebda prospett f'kwalunkwe cirkustanza li jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet fil-kawza odjerna.

4. Illi peress li uliedhom huma illum l-gurnata maggorenni ma hemm ebda obbligu ta'hlas ta'manteniment madanakollu l-esponenti umilment tigbed l-attenzjoni ta'din 1-Ororabbli Qorti li r-rikorrenti ghadu sallum, wara dawn is-snin kollha, jibqa jwebbes rasu u l-kaxxa li kellha diversi oggetti tad-deheb li kellha tigi konsenjata lill-esponenti baqghet qatt ma gie kkonsenjata lilha minkejja li kemm il-darba talbitu biex tinghatalha u dan anke b'element ta'inkejja da parti tar-rikorrenti;

5. Illi jigi umilment sottolinejat illi f'din il-kaxxa kien hemm fiha diversi oggetti tad- deheb u metal prezjuz iehor u li ghandhom mhux biss valur sentimentali u ta'ghozza ghaliha imma anke ghall-uliedhom li ghexu mall-esponenti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li gie sottomess, 1-esponenti ma txoggezzjona ghat- talba ghad-divorzju li qiegħed jagħmel r-rikorrenti u

dan ghar-ragunijiet esposti mill-istess rikorrenti. Madanakollu l-esponenti umilment titlob lil din l-Qorti li tammonixxi lir-rikorrenti sabiex minghajr dewmien jikkonsenjalha din il-kaxxa bl-oggetti tad-deheb li fiha u dan halli la ser ikun hemm id-divorzju dikjarat dan jkun sar minghajr ebda pendenza u jigu evitati aktar taqtiegh tal-qalb ghall-esponenti.

7.Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti galadarba talab hu li jigi pronuncjat id-divorzju bejn il-partijiet fil-kawza odjerna.

8. Salv ghar-ragunijiet ohra.

Daqstant l-esponenti umilment jissottometti l-posizzjoni taghha ghas-savju gudizzju ta' din l-Qorti.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Frar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Jannar 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.